**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 38**

**IL-ĦAMIS 15 TA' MEJJU 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 5.30PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 5.45PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 35, 36 u 37 ġew approvati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ħadd minn dawk preżenti ma kellhom kummenti.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu li jinkludi wkoll diversi lagħat li huwa kellu mill-aħħar tas-Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jibda' jorganizza Zumba Dancing Classes fuq il-bejt tal-Kumpless il-ġdid u fil-Ġnien FX Ebejer. Huwa nforma li huwa ġa kellu xi kuntatti ma' għalliem ta' dan iż-żfin fejn infurmah li ħames lezzjonijiet jisewew €20. Wara diskuzzjoni kien hemm qbil unanimu li dawn jibdew jiġu organizzati u l-*fees* jitħallsu minn dawk li se jattendu.

3. Huwa rrefera għax-xogħlijiet li huma pjanti li jsiru fil-Ġnien FX Ebejer u ppreżenta pjanta ta' kif inhu pjanat li jsir r-*refirbushment.* Huwa fakkar li għal dawn ix-xogħlijiet hemm fondi allokati mill-UIF. Skond il-pjanti u l-Bill of quantities ippreżentati, l-istima tammonta għal €151,000.

4. Rigward ix-xogħlijiet fuq l-aħħar parti tat-Triq il-Qasam, huwa nforma li l-kuntrattur beda' ix-xogħol u li hekk kif tkun lesta, huwa ssuġerixxa sabiex titella' wirja ta' karozzi antiki. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-President ta' l-Assoċazzjoni ta' din l-organizzazjoni.

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier informa li wara li huwa għamel kuntatti mad-Direttur tal-Cleansing Department, il-plot abbandunat li hemm fid-daħla ta' Triq is-Swieqi tnaddfet mill-uffiċċjali tal-Gvern Ċentrali.

2. Huwa nforma li flimkien mas-Sindku żaru diversi postijiet fejn jistgħu jinżaraw xi siġar sabiex il-lokalita' ikollha dehra aħjar. Huwa nforma li se jikteb ittra lill-Onor. Ministru L. Brincat sabiex jistaqsi jekk hux possibli li l-Ministeru jagħti bħala donazzjoni 20 siġra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti – ikompli

3. Il-Kunsillier informa li kellu laqgħa mal-Kuntrattur tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali sabiex jekk hu possibli jiġu installati 8 *bins* oħra fil-Madliena.

4. Il-Kunsillier nforma wkoll li kellu laqgħa nhar it-Tlieta 15 ta'Mejju 2014mal-Kuntrattur tal-Knis fejn ġew diskussi dawn l-punti:

   - Tindif fil-ħamrija fiż-żona ta' St. Rita
   - Ħaxix jinqata' aktar spiss (l-aktar fil-lokalita' tal-Madliena)
   - Inadaff id-doggy bins ta' dawk it-toroq li jkun ħadem fihom fil-ġurnata
   - Ma jħallix boroz suwed mimlijin b'materjal tal-knis fuq il-bankini tal-lokalita'
   - Il-bexx li jintuża irrid jkun konformi b'ċertifikat approvat mid-Dipartimet ta' l-Agrikultura.
   - Jitħaddmu 6 ħaddiema kuljum
   - It-tindif u t-tbattil tal-litter bins ta' kull nhar ta' Ħadd li jsir minn Triq is-Swieqi sa Lourdes Lane (ħdejn il-Kappella ta' St.Rita) irrid jibda' fis-7am u mhux aktar kmieni.

   Il-Kunsill qabel li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu ffirmati uffiċċjalment mill-Kuntrattur u s-Segretraju Eżekuttiv. Jekk dawn jiġu ffirmati, allura l-kuntratt jista' jiġi estiż għal sena oħra taħt dawn l-istess kundizzjonijiet.

Il-Kunsillier A. Checuti talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 6.20pm.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier informa li huwa ma setax jattendi l-laqgħat tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' mard u problema fmailjari għaldaqstant huwa rringrazzja lil kulħadd tal-kooperazzjoni u l-għajnuna li ingħata.

2. Huwa nforma li ta' spiss qed jiġi nnutat li qed jkun hemm ħafna ħmieġ fi Triq is-Sirk. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakirgu li jinforma lill-kuntrattur responsabbli.

3. Il-Kunsillier informa li fi Triq il-Marbat hemm arblu tal-GO li qiegħed man-naħa ta' l-għalqa. Dan qed jagħti dehra kerha fiż-żona u għalek hu staqsa jekk hux possibli li dan l-arblu jinqala meta ssir din it-triq.

4. Huwa nforma li fis-snin preċidenti meta kienu qed jitellgħu l-logħob tal-futbol tal-World Cup, fin-naħa t'isfel tas-Swieqi, kien qed jkun hemm ħafna ġlied u storbju eċċessiv. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex jiġu avżati l-Pulzija minnufih qabel ma jibdew jixandru dawn il-logħbiet.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier infurmat li ta' spiss qed jiġu nnutat li l-bin tal-ħġieġ li hemm fi Triq il-Keffa mhux jitabattal spiss u b' konsegwenza t'hekk qed jkun hemm ħafna kontenituti tal-ħġieġ li jistgħu jkunu ta' periklu kbir għat-tfal li jkunu qed jilgħabu. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa personalment ta' spiss jirraporta lill-GreenMT rigward din il-prpblema.

2. Hija nfurmat li l-leaflet ta' Skola Sajf intbagħat bil-posta f'kull residenza u sa llum diġa' kien hemm persuni li applikaw. Hija nfurmat wkoll li d-data ta' l-għeluq hija 27 ta' Ġunju 2014.

3. Il-Kunsillier rreferiet għax-xogħlijiet li qed issiru mit-Transport Malta fuq il-Pedestrian Crossing fi Triq Sant Andrija (ħdejn Sunrise Inn). Hija ssostniet li f' dik il-parti fil-ġranet tax-Xitwa jinġabar ħafna ilma u għaldaqstant xorta se jkun diffiċli għan-nies biex jaqsmu minn fuqha.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat illi l-Porġett tar-restawr fuq il-faċċata tal-Kapella tal-Madliena l-applikazzjoni tlestiet u din qiegħda għand il-Perit Azzopardi li se jibgħata lill-kapplina Fr. Tony Aguis għall-approvazzjoni tiegħu.

2. Hija nfurmat li r-resident minn Triq il-Madliena ilmenta li diversi vetturi qed jgħaddu minn din it-triq b' veloċita qawwija u ssuġerixxa li tiġi nstallata *traffic calmer*. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din il-materja terġa' tiġi diskussa fis-Seduti li jmiss.

3. Il-Kunsillier rreferiet għall-Heritage Walk li hu pjanat li ssir madwar il-Fortizza. L-ispejjeż ta' dan il-proġett se jiġu mħallsa mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena u mill-iskema. Hija nfurmat li l-Perit W. Farrugia se jkun responsabbli mill-ippjanar ta' dan il-proġett u għalhekk se jiprepara Presentation ta' dan il-proġett li tinkludi wkoll Bill of Quantities. Il-Perit W. Farrugia mhux se jkun membru fil-Kumitat Amministrattiv li se jiġi elett aktar tard dan ix-xahar.

4. Hija ppreżentat ir-rendikont ta' bilanc pożitiv ta' €87,000.00 li huma *carried forward* mis-snin preċidenti. Dawn il-fondi għalkemm jidhru fil-kont bankarju tal-Kunsill, huma dovuti lill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Hija nfurmat li parti minn dawn il-fondi se jintużaw għall-proġett tal-Heritage Walk.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A.Curmi

1. Il-Kunsillier A. Curmi ppreżenta rapport idettaljat dwar punti li għad irrid jiġu diskussi fid-dettal. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. B.

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 6.45pm

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li fil-futur qarib se jibgħat d-dokument tat-tender għall-ġbir ta' skart domestiku għall-attenzjoni tal-Kunsillieri l-oħra. Huwa se jibgħat ukoll l-ispeċifikazzjonijiet fid-dettal.

2. Huwa ppreżżenta rapport ta' l-attivta' tal-Għaqda Swieqi Phoneix Handball fi ħdan il-Kunsill Lokali.

**III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.73 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.C), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati peress li ħadd minn dawk preżenti ma oġezzjona.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Public toilets li hemm fil-bini ta' Ċentru Ċiviku. Huwa nforma li kellu telfonata minngħand id-Direttur Ramon Deguara fejn dan infurmawh li d-Dipartiment ser jibqa' jiħeu ħsieb dawn it-toilets sa ' l-aħħar ta'Lulju 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsillier M. Fava jekk jistax jagħmel kuntatt mad- Dipartiment ikkonċernat dwar possibilta' illi dawn jibqgħu jieħdu ħsieb danw it-toilets sa l-aħħar ta' Diċembru 2014 u dan minħabba kwistjoni ta' finanzi li l-Kunsill ma ippjanax għalihom fil-Budget tas-sena 2014.

2. Huwa nforma li l-air conditioners tal-post il-ġdid għal kull ufiċċju ser jiswew iktar minn Direct Order stipulata fil-liġi tal-Kunsilli Lokali għaldaqstant huwa nforma li se toħorġ sejħa għall-oferti ta' dan l-apparat.

3. Rigward il-proposta tas-sid tal-ħanut ta' Ġuża biex joħroġ is-siġġijiet u l-imwejjed fuq il-bankina, il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni basta l-bankina ma tiġix ostakolata kollha kif ukoll li jkun hemm l-approvazzjoni u l-liċenzji meħtieġa mill-Awtoritajiet ikkonċernati.

4. Rigward l-internet connection sabiex jibdew jiġu streamed il-laqgħat tal-Kunsill, il-Kunsill approva l-upgrade fl-internet li tammontaw għal €50 fix-xahar.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-ħruġ ta' offerti pubbliċi dwar manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku fit-toroq u tindif ta' culverts.

6. Rigward il-kuntratti ta' Handyman Services fil-ġonna pubbliċi (Richmond Foundation) u Servizzi ta' Accountant (Mazars Counslting Ltd) il-Kunsill unaninament qabel li dawn jiġu estiżi għal sena oħra basta bl-istess kundizzjonijiet.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għalll-Managment Letter għas-sena 2013. Huwa nforma li hu flimkien ma' l-Accountant qegħdin jippreperaw ir-risposta ta' din l-ittra peress li din trid tasal fi ħin stipulat.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.14pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 29 ta'Mejju 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **SINDKU** |